Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B REGOLAMENT (KE) Nru 716/2007 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' l-20 ta' Ġunju 2007

dwar l-istatistika tal-Komunità fuq l-istruttura u l-attività ta' l-affiljati barranin

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 171, 29.6.2007, p. 17)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 747/2008 tat-30 ta' Lulju 2008	L 202	20	31.7.2008
►M2	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	1	10.6.2013

▼B

REGOLAMENT (KE) Nru 716/2007 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' l-20 ta' Ġunju 2007

dwar l-istatistika tal-Komunità fuq l-istruttura u l-attività ta' l-affiljati barranin

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew [1],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Statistika regolari u ta' kwalità tajba tal-Komunità fuq l-istruttura u l-attività ta' l-affiljati barranin fl-ekonomija sħiħa hija essenzjali għal verifika adegwata ta' l-impatt ta' l-intrapriżi li huma ta' kontroll barrani fuq l-ekonomija ta' l-Unjoni Ewropea. Din għandha wkoll tiffaċilita l-monitoraġġ ta' l-effettività tas-suq intern u l-integrazzjoni gradwali ta' l-ekonomiji fil-kuntest tal-globalizzazzjoni. F'dan il-kuntest, intrapriżi multinazzjonali għandhom rwol ewlieni, iżda intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jistgħu wkoll ikunu kkonċernati minn kontroll barrani.

(2) L-implimentazzjoni u r-reviżjoni tal-Ftehim Ġenerali fuq Kummerċ fis-Servizzi (GATS) u tal-*Ftehim* tad-Drittijiet ta' Proprjetà Intelletwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPs) kif ukoll in-negozjati attwali u futuri fuq ftehim ulterjuri jitolbu li l-informazzjoni rilevanti ta' l-istatistika tkun disponibbli sabiex tgħin fin-negozjati.

(3) Għat-tħejjija tal-politika ta' l-ekonomija, tal-kompetizzjoni, ta' l-intrapriża, tar-riċerka, ta' l-iżvilupp teknoloġiku u ta' l-impjieg fil-kuntest tal-liberalizzazzjoni tal-proċess, l-istatistika rigward affiljati barranin sabiex jitkejlu l-effetti diretti u indiretti ta' kontroll barrani fuq l-impjieg, il-pagi u l-produttività f'pajjiżi u setturi partikolari.

---

[1] ĠU C 144, 14.6.2005, p. 14.

[2] Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2006 (għadha ma ġietx pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-25 ta' Mejju 2007.

▼B

(4) L-informazzjoni mogħtija taħt il-leġislazzjoni tal-Komunità li hemm bħalissa jew li hija disponibbli fl-Istati Membri hija insuffiċjenti, inadegwata jew ma tistax titqabbel kif jixraq sabiex isservi bħala bażi ta' min jorbot fuqha għall-ħidma tal-Kummissjoni.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 ([1]) jistabbilixxi qafas komuni għal produzzjoni sistematika ta' l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ tal-pagamenti, il-kummerċ internazzjonali fis-servizzi u l-investiment barrani dirett. Minħabba li l-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti tkopri biss b'mod parzjali d-data inkluża fil-GATS, huwa essenzjali li tinħareġ regolarment statistika dettaljata fuq l-affiljati barranin.

(6) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 58/97 ta' l-20 ta' Diċembru 1996 dwar l-istatistika strutturali tan-negozju ([2]) u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 tal-15 ta' Marzu 1993 dwar l-unitajiet statistiċi għall-osservazzjoni u l-analiżi tas-sistema ta' produzzjoni fil-Komunità ([3]) stabbilixxa qafas komuni għall-ġbir, kompilazzjoni, trażmissjoni u evalwazzjoni ta' l-istatistika tal-Komunità dwar l-istruttura u l-attività tan-negozji fil-Komunità.

(7) Il-kompilazzjoni ta' kontijiet nazzjonali skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-Sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjunali fil-Komunità ([4]) teħtieġ statistika tan-negozju komparabbli, sħiħa, u ta' min jorbot fuqha fuq l-affiljati barranin.

(8) B' mod kollettiv, il-Manwal dwar Statistika tal-Kummerċ Internazzjonali tas-Servizzi tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Manwal tal-Bilanċ tal-Pagamenti (il-ħames edizzjoni) tal-Fond Monetarju Internazzjonali, id-Definizzjoni *Benchmark* dwar l-investiment barrani dirett u l-Manwal dwar Indikaturi tal-Globalizzazzjoni Ekonomika ta' l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku jiddefinixxu r-regoli ġenerali għall-kompliazzjoni ta' statistika internazzjonali komparabbli dwar l-affiljati barranin.

(9) Il-produzzjoni ta' statistika speċifika tal-Komunità hija regolata mir-regoli stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-Istatistika Komunitarja ([5]).

([1]) ĠU L 35, 8.2.2005, p. 23. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 602/2006 (ĠU L 106, 19.4.2006, p. 10).
([2]) ĠU L 14, 17.1.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).
([3]) ĠU L 76, 30.3.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).
([4]) ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1267/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 180, 18.7.2003, p. 1).
([5]) ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

▼B

(10) Billi l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ħolqien ta' standards komuni ta' statistika għall-produzzjoni ta' statistika komparabblili dwar l-affiljati barranin ma jistax jinkiseb b' mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni, jintlaħaq aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dan l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

(11) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri sabiex jiġu eżerċitati s-setgħat ta' implimetazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([1]).

(12) B'mod partikulari, għandha tingħata lill-Kummissjoni is-setgħa biex tadatta d-definizzjonijiet fl-Annessi I u II u l-livell ta' dettall fl-Anness III kif ukoll biex tagħmel kull bidla bħala konsegwenza fl-Annessi I u II, biex timplimenta r-riżultati ta' l-istudji pilota u tagħti definizzjoni ta' l-istandards ta' kwalità komuni xierqa u tal-kontenut u l-perjodiċità tar-rapporti ta' kwalità. Minħabba li dawn il-miżuri għandhom kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali jew jissupplimentaw dan ir-Regolament permezz taż-żieda ta' elementi mhux essenzjali ġodda, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(13) Il-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ([2]), u l-Kumitat dwar l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti, stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/856/KE ([3]), kienu kkonsultati,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' l-istatistika tal-Komunità dwar l-istruttura u l-attività ta' l-affiljati barranin.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) "affiljat barrani" għandha tfisser intrapriża residenti fil-pajjiż ta' kompilazzjoni u li hija kontrollata minn unità istituzzjonali li mhijiex residenti fil-pajjiż ta'kompilazzjoni, jew intrapriża li mhijiex residenti fil-pajjiż ta' kumpilazzjoni li għandha kontroll fuqha unità istituzzjonali li hija residenti fil-pajjiż ta' ġbir;

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).
([2]) ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.
([3]) ĠU L 332, 30.11.2006, p. 21.

▼B

(b) “kontroll” għandha tfisser l-abilità tiddeterminata l-politika ġenerali ta’ intrapriża billi jingħażlu d-diretturi xierqa, jekk meħtieġ. F’dan il-kuntest l-intrapriża A titqies li hija kkontrollata minn unità istituzzjonali B meta B tikkontrolla – direttament jew indirettament – aktar minn nofs is-setgħa ta’ votazzjoni ta’ l-azzjonisti jew aktar minn nofs l-ishma;

(ċ) “kontroll barrani” għandha tfisser li l-unità istituzzjonali li għandha l-kontroll hija residenti f’pajjiż differenti minn dak li fih hi residenti l-unità istituzzjonali kkontrollata minnha;

(d) “fergħat” għandha tfisser unitajiet lokali li ma humiex entita’ legali separata, li huma dipendenti fuq intrapriżi li huma taħt kontroll barrani. Dawn huma trattati bħala impriżi kważi-korporati fit-tifsira tal-punt 3(f) tan-noti ta’ spjegazzjoni għat-taqsima III (B) ta’ l-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 696/93;

(e) “statistika fuq affiljati barranin” għandha tfisser statistika li tiddeskrivi l-attività globali ta’ l-affiljati barranin;

(f) “statistika *inward* dwar l-affiljati barranin” għandha tfisser statistika li tiddeskrivi l-attività ta’ l-affiljati barranin residenti fil-pajjiż ta’ kumpilazzjoni;

(g) “statistika *outward* dwar l-affiljati barranin” għandha tfisser statistika li tiddeskrivi l-attività ta’ l-affiljati barranin li jinsabu barra mill-pajjiż li huma kkontrollati minn unità istituzzjonali residenti fil-pajjiż ta’ kumpilazzjoni;

(h) “unità istituzjonali aħħarija li tikkontrolla ta’ affiljat barrani” għandha tfisser l-unità istituzzjonali li tinsab fl-ogħla skaluna tas-sellum ta’ kontroll ta’ affiljat barrani, li mhijiex ikkontrollata minn unità istituzzjonali oħra;

(i) “intrapriża”, “unità lokali” u “unità istituzzjonali” kollha għandhom jieħdu l-istess tifsira tar-Regolament (KEE) Nru 696/93.

Artikolu 3

Preżentazzjoni tad-data

L-Istati Membri għandhom jissottomettu data lill-Kummissjoni (Eurostat), dwar affiljati barranin fir-rigward tal-karatteristiċi, l-attivitajiet ekonomiċi u l-analiżi ġeografika kif imsemmija fl-Annessi I, II, u III.

Artikolu 4

Sorsi ta’ data

1. L-Istati Membri għandhom, filwaqt li josservaw il-kundizzjonijiet f’dak li jirrigwarda kwalità kif imsemmi fl-Artikolu 6, jiġbru l-informazzjoni mitluba taħt ir-Regolament waqt li jużaw is-sorsi kollha li jqisu rilevanti u xierqa.

2. Persuni naturali u legali li huma mitluba jagħtu informazzjoni, meta jkunu qegħdin iwieġbu, għandhom jikkonformaw mal-limiti ta’ żmien u d-definizzjonijiet stipulati mill-istituzzjonijiet nazzjonali responsabbli għall-ġbir ta’ data fi ħdan l-Istati Membri skond dan ir-Regolament.

▼B

3. Fejn id-data meħtieġa ma tistax tinġabar bi prezz raġonevoli, jistgħu jintbagħtu l-aħjar estimi, inklużi dawk b'valur żero.

Artikolu 5

Studji pilota

1. Il-Kummissjoni għandha tfassal programm għall-istudji pilota li għandhom jitwettqu minn awtoritajiet nazzjonali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 322/97 fuq bażi volontarja fuq fatturi varjabbli ulterjuri u analiżi fid-dettal dwar l-istatistika *inward* u *outward* fuq affiljati barranin.

2. L-istudji pilota għandhom jitwettqu sabiex jiġu evalwati r-relevanza u l-fattibilità tal-ġbir ta' data, filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji tad-disponibilità tad-data fir-rigward ta' l-ispejjeż tas-sistema ta' l-istatistika u l-piż fuq l-intrapriżi.

3. Il-programm tal-Kummissjoni għall-istudji pilota għandu ikun konsistenti ma' l-Annessi I u II.

4. Abbażi tal-konklużjonijiet ta' l-istudji pilota, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni meħtieġa għall-istatistika inward u outward dwar l-affiljati barranin skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 10(3).

5. L-istudji pilota għandhom jiġu kompluti sat-19 ta' Lulju 2010.

Artikolu 6

Standards u rapporti ta' kwalità

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li l-kwalità tad-data kkomunikata tkun skond standards komuni ta' kwalità.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'rapport dwar il-kwalità tad-data kkomunikata (rapporti tal-kwalità).

3. L-istandards komuni ta' kwalità kif ukoll il-kontenut u l-perjodiċità tar-rapporti ta' kwalità għandhom jkunu speċifikati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10(3).

4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-kwalità tad-data kkomunikata.

Artikolu 7

Manwal ta' rakkomandazzjonijiet

Il-Kummissjoni għandha, f'koperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, tippubblika manwal ta' rakkomandazzjonijiet li fih id-definizzjonijiet relevanti u gwida supplimentari li għandha x' taqsam ma' l-istatistika tal-Komunità ġġenerata skond dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 8

Skeda ta' żmien u derogi

1. L-Istati Membri għandhom jikkompilaw id-data skond l-iskeda ta' implimentazzjoni kif speċifikata fl-Annessi I u II.

2. Matul perjodu tranżitorju li m'għandux jiskorri erba' snin mill-ewwel sena ta' referenza kif imsemmi fl-Annessi I u II, jistgħu jingħataw derogi mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għal perjodu limitat mill-Kummissjoni lill-Istati Membri skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 10(2) meta s-sistemi nazzjonali tagħhom jeħtieġu aġġustamenti kbar.

Artikolu 9

Il-miżuri ta' implimentazzjoni

1. Il-miżuri li ġejjin għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 10(2):

(a) tfassil tal-format u proċedura xierqa għall-komunikazzjoni tar-riżultati mill-Istati Membri,

u

(b) għoti ta' derogi lill-Istati Membri meta s-sistemi nazzjonali tagħhom jirrikjedu aġġustamenti kbar, inkluż l-għoti ta' derogi minn kwalunkwe rekwiżit ġdid wara l-istudji pilota, skond l-Artikolu 8(2).

2. Il-miżuri li ġejjin huma mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inkluż permezz tas-supplimentazzjoni tagħhom, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 10(3):

(a) adattament ta' definizzjonijiet fl-Annessi I u II, adattament tal-livell ta' dettall fl-Anness III, kif ukoll kull bidla li hija meħtieġa bħala konsegwenza ta' l-Annessi I u II;

(b) implimentazzjoni tar-riżultati ta' l-istudji pilota skond l-Artikolu 5(4);

u

(ċ) definizzjoni ta' standards ta' kwalità komuni xierqa u tal-kontenut u tal-perjodiċità tar-rapporti tal-kwalità, skond l-Artikolu 6(3).

3. Għandha tingħata konsiderazzjoni partikulari lill-prinċipju li l-benefiċċji ta' dawn il-miżuri jridu jegħlbu l-ispejjeż tagħhom, u lill-prinċipju li kull piż finanzjarju ieħor fuq l-Istati Membri jew intrapriżi għandu jinżamm f'limitu raġonevoli.

Artikolu 10

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejuna mill-Kumitat għall-Programm Statistiku (il-Kumitat).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

▼B

Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

4. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Kumitat bħala osservaturi.

Artikolu 11

Koperazzjoni mal-Kumitat fuq l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti

Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Kumitat fuq l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti dwar il-kwistjonijiet kollha li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tal-kumitat, b' mod partikolari dwar il-miżuri kollha għal aġġustament għall-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi li jikkonċernaw il-ġbir u l-ipproċessar statistiku tad-data, u l-ipproċessar u l-komunikazzjoni tar-riżultati.

Artikolu 12

Rapport dwar l-implimentazzjoni

Sat-19 ta' Lulju 2012 il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. B' mod partikolari, ir-rapport għandu:

(a) jevalwa l-kwalità ta' l-istatistika ġġenarata;

(b) jevalwa l-benefiċji li minnhom igawdu l-Komunità, l-Istati Membri, il-fornituri u l-utenti ta' informazzjoni ta' l-istatistika ġġenerata fir-rigward ta' l-ispejjeż;

(ċ) jivvaluta l-progress ta' l-istudji pilota u l-implimentazzjoni tagħhom;

u

(d) jidentifika żoni għal titjib potenzjali u emendi kkunsidrati meħtieġa fid-dawl tar-reżultati miksuba u l-ispejjeż involuti.

Artikolu 13

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

MODULU KOMUNI GĦALL-ISTATISTIKA *INWARD* DWAR L-AFFILJATI BARRANIN

TAQSIMA 1

Unità Statistika

L-unitajiet statistiċi huma l-intrapriżi u l-fergħat kollha, li huma taħt kontroll barrani skond id-definizzjonijiet li jinstabu fl-Artikolu 2. Il-fergħat għandhom jitqiesu bħala quasi-intrapriżi.

▼M1

TAQSIMA 2

Karatteristiċi

Il-karatteristiċi li ġejjin, kif definiti fl-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2700/98 tas-17 ta' Diċembru 1998 dwar id-definizzjonijiet ta' karatteristiċi għall-istatistika strutturali dwar il-kummerċ [1] għandhom jiġu kkumpilati:

Kodiċi	Titolu
11 11 0	In-numru ta' intrapriżi
12 11 0	Il-fatturat
12 12 0	Il-valur tal-produzzjoni
12 15 0	Il-valur miżjud fl-ispiża tal-fattur
13 11 0	Ix-xiri totali ta' beni u servizzi
13 12 0	Ix-xiri ta' beni u servizzi mixtrija sabiex jerġu jinbiegħu fl-istess kundizzjoni li ġew irċevuti
13 31 0	L-ispejjeż tal-persunal
15 11 0	L-investiment gross f'beni tanġibbli
16 11 0	In-numru ta' persuni li għandhom impjieg

Il-karatteristiċi li ġejjin għandhom ikunu kkumpilati wkoll mill-Istati Membri għas-sena ta' referenza 2009 u għas-snin ta' wara:

Kodiċi	Titolu u definizzjoni
22 11 0	In-nefqa totali ta' R&Ż (Riċerka u Żvilupp) *intra-muros* (*) Ir-riċerka u l-iżvilupp sperimentali jinvolvu xogħol kreattiv magħmul fuq bażi sistematika sabiex jiżdied l-għarfien, inkluż l-għarfien tal-bniedem, tal-kultura u tas-soċjetà, u l-użu ta' dan l-għarfien sabiex jinħolqu applikazzjonijiet ġodda. In-nefqiet *intra-muros* huma dawk in-nefqiet kollha ta' R&Ż (Riċerka u Żvilupp) magħmula ġo l-unità stess, irrispettivament minn fejn ġejjin il-fondi. In-nefqiet ta' R&Ż għandhom jiġu distinti min-nefqiet ta' firxa vasta ta' attivitajiet relatati. Dawn li ġejjin huma għalhekk eskluži min-nefqa ta' R&Ż: — l-infiq fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ, — l-infiq fuq attivitajiet xjentifiċi u teknologiċi oħrajn (e.ż. servizzi ta' informazzjoni, ittestjar u standardizzazzjoni, studji dwar il-fattibbiltà, eċċ.), — l-infiq fuq attivitajiet industrijali oħra (e.ż. innovazzjonijiet industrijali n.e.s.),

[1] ĠU L 344, 18.12.1998, p. 49. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1670/2003 (ĠU L 244, 29.9.2003, p. 74).

▼M1

Kodiċi	Titolu u definizzjoni
	— l-infiq fuq attivitajiet purament finanzjarji (attivitajiet ta' amministrazzjoni oħra u attivitajiet ta' appoġġ indirett huma inklużi). In-nefqa ta' riċerka u żvilupp tista', skond il-każ tal-liġijiet nazzjonali, tiġi rreġistrata f'waħda minn dawn it-tliet postijiet: ċaqliq fl-assi mhux tanġibbli, ċaqliq fl-assi tanġibbli jew fin-nefqa operattiva. Jekk, taħt il-liġi nazzjonali, in-nefqa tista' tiġi parzjalment jew kollha kemm hi kapitalizzata, din tiġi inkluża fiċ-ċaqliq ta' l-assi mhux tanġibbli inkluż fil-kontijiet tal-kumpanija taħt *L-assi fissi – L-assi intanġibbli – spejjeż ta' riċerka u żvilupp*. Jekk taħt il-liġi nazzjonali hija biss parzjalment kapitalizzata jew għal kollox mhux kapitalizzata, in-nefqa kurrenti hija parti mill-*Materja prima u oġġetti li jiġu kkunsmati, tariffi oħrajn esterni, spejjeż tal-ħaddiema* u spejjeż operattivi oħra u n-nefqa kapitali tiġi inkluża fiċ-ċaqliq ta' l-assi tanġibbli imsemmija fil-kontijiet tal-kumpanija taħt l-*Assi Fissi – assi tanġibbli*.
22 12 0	Numru totali ta' persunal tar-R&Ż (*) Ir-riċerka u l-iżvilupp sperimentali jinvolvu xogħol kreattiv magħmul fuq bażi sistematika sabiex jiżdied l-għarfien, inkluż l-għarfien tal-bniedem, tal-kultura u tas-soċjetà, u l-użu ta' dan l-għarfien sabiex jinħolqu applikazzjonijiet ġodda. Għandhom jiġu magħduda l-persuni kollha impjegati direttament fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż), kif ukoll dawk illi jipprovdu servizzi diretti, bħal managers tar-R&Ż, amministraturi u staff klerikali. Dawk il-persuni li jipprovdu servizz indirett, bħall-ħaddiema tal-kantin jew tas-sigurtà, għandhom jiġu eskluži, avolja l-pagi u s-salarji tagħhom huma inklużi bħala spejjeż ġenerali fil-kalkolu tan-nefqa. Il-persunal tar-R&Ż għandu jiġi distint mill-persunal inkarigat minn firxa wiesgħa ta' attivitajiet relatati. Għalhekk, dawn li ġejjin ma jagħmlux mal-persunal tar-R&Ż: — Il-persunal impjegat fl-edukazzjoni u t-taħriġ, — Il-persunal impjegat f'attivitajiet xjentifiċi u teknologiċi oħrajn (e.ż. servizzi ta' informazzjoni, ittestjar u standardizzazzjoni, studji dwar il-fattibbiltà, eċċ.), — Il-persunal impjegat f'attivitajiet industrijali oħra (e.ż. innovazzjonijiet industrijali n.e.s.), — Il-persunal impjegat fl-amministrazzjoni u f'attivitajiet oħra ta' sapport indirett. Rabta mal-kontijiet tal-kumpanija In-numru totali ta' persunal ta' riċerka u żvilupp ma jistax jiġi iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija. Dan jagħmel parti min-numru ta' persuni impjegati li jitniżżel fin-noti fil-kontijiet tal-kumpanija (l-Artikolu 43(8)). Rabta ma' varjabbli oħra Parti min-*numru ta' persuni impjegati* (16 11 0).

(*) Il-fatturi varjabbli 22 11 0 u 22 12 0 għandhom ikunu rrappurtati kull sentejn. Jekk l-ammont totali ta' fatturat jew in-numru ta' persuni impjegati f'diviżjoni tan-NACE Rev. 2 Taqsimiet B sa F, jirrapreżentaw, fi Stat Membru, anqas minn 1 % tat-total tal-Komunità, l-informazzjoni meħtieġa għall-kompilazzjoni ta' l-istatistika li tirrigwarda l-karatteristiċi 22 11 0 u 22 12 0 m'għandhiex għalfejn tingħabar għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament.

▼M1

Jekk in-numru ta' persuni li għandom impjieg mhux disponibbli, minflok għandu jiġi kkumpilat in-numru ta' l-impjegati (kodiċi 16 13 0).

Il-karatteristiċi "infiq totali intra-muros tar-R&Ż" (kodiċi 22 11 0) u "in-numru totali ta' persunal tar-R&Ż" (kodiċi 22 12 0) iridu jiġu kkumpilati biss f'każi ta' attivitajiet fit-taqsimiet B, C, D, E u F tan-NACE. Sas-sena ta' referenza 2009, l-Istati Membri se jikkumpilaw dawn il-karatteristiċi kif definiti fl-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2700/98 tas-17 ta' Diċembru 1998.

Għat-taqsima K tan-NACE, in-numru ta' intrapriżi, il-fatturat [1] u n-numru tal-persuni li għandhom impjieg (jew in-numru ta' l-impjegati) biss għandhom jiġu kkumpilati.

▼B

TAQSIMA 3

Livell ta' dettal

Id-data għandha tiġi pprovduta skond il-kunċett ta' "unità aħħarija istituzzjonali li tikkontrolla" bl-analiżi ġeografika fil-livell 2-IN flimkien mal-analiżi ta' attività fil-livell 3 kif speċifikat fl-Anness III u l-analiżi ġeografika fil-livell 3 flimkien ma' l-Ekonomija tan-Negozju.

TAQSIMA 4

L-ewwel sena ta' referenza u l-perijodiċità

1. L-ewwel sena ta' referenza li għaliha għandha tiġi kkompilata statistika annwali hija s-sena kalendarja tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri minn dik is-sena 'il quddiem se jipprovdu data għal kull sena kalendarja.

3. L-ewwel sena ta' referenza li għaliha l-fatturi varjabbli tan-nefqa totali intra-mural tal-R & D (kodiċi 22 11 0) u numru totali tal-persunal R & D (kodiċi 22 12 0) se jiġu kkompilati, hija l-2007.

TAQSIMA 5

Il-komunikazzjoni tar-riżultati

Ir-riżultati jiġu kkomunikati fi żmien 20 xahar wara l-għeluq tas-sena ta' referenza.

TAQSIMA 6

Ir-rapporti u l-istudji pilota

1. L-Istati Membri se jipprovdu l-Kummissjoni b' rapport li jirrigwarda d-definizzjoni, l-istruttura u d-disponibiltà tad-data statistika li għandha tiġi kkompilata għall-finijiet ta' dan il-modulu komuni.

2. Għal-livell ta' dettal kopert min dan l-Anness, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi studji pilota li għandhom jitwettqu minn awtoritajiet nazzjonali fis-sens ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 322/97 skond l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.

3. L-istudji pilota ser jitwettqu sabiex tiġi evalwata l-fattibilità li tinkiseb data, filwaqt li jitqiesu l-benefiċji tad-disponibilità ta' din id-data mqabbla ma' l-ispiża tal-ġbir u l-piż fuq in-negozju.

[1] Għar-Rev. 2, diviżjoni 64, tan-NACE, il-fatturat se jiġi sostitwit bil-valur tal-produzzjoni.

▼B

4. Studji pilota għandhom jitwettqu għal dawn il-karatteristiċi li jmiss:

Kodiċi	Titolu
	Esportazzjoni ta' merkanzija u servizzi
	Importazzjoni ta' merkanzija u servizzi
	Esportazzjoni intra-grupp ta' merkanzija u servizzi
	Importazzjoni intra-grupp ta' merkanzija u servizzi

L-esportazzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni intra-grupp u l-importazzjoni intra-grupp sejrin jitqassmu f'merkanzija u servizzi

5. Studji pilota għandhom jitwettqu wkoll sabiex tiġi studjata l-fattibilità tal-kompilazzjoni ta' data għall-attivitajiet fit-taqsimiet M, N u O tan-NACE u tal-kompilazzjoni tal-fatturi varjabbli tan-nefqa totali intra-mural tal-R & D (kodiċi 22 11 0) u numru totali tal-persunal R & D (kodiċi 22 12 0) għall-attivitajiet fit-taqsimiet G, H, I, K, M, N u O tan-NACE. Studji pilota għandhom jitwettqu wkoll sabiex jevalwaw ir-relevanza, il-fattibilità u l-ispejjeż għall-analiżi tad-data fi klassijiet skond id-daqs ikkalkulati skond in-numru ta' persuni impjegati kif speċifikati fit-taqsima 2.

▼B

ANNESS II

MODULU KOMUNI GĦALL-ISTATISTIKA OUTWARD DWAR L-AFFILJATI BARRANIN

TAQSIMA 1

Unità Statistika

L-unitajiet ta' statistika huma l-intrapriżi u l-fergħat kollha barranin li huma kkontrollati minn unità istituzzjonali residenti fil-pajjiż li qiegħed jikkompila, skond id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 2. Il-fergħat għandhom jitqiesu bħala quasi-intrapriżi.

TAQSIMA 2

Karatteristiċi

Il-karatteristiċi li ġejjin kif definiti fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2700/98 għandhom jiġu kkompilati:

Kodiċi	Titolu
12 11 0	Fatturat
16 11 0	Numru ta' persuni impjegati
11 11 0	Numru ta' intrapriżi

Jekk in-numru ta' persuni impjegati mhux disponibbli, in-numru ta' impjegati (kodiċi 16 13 0) għandu jiġi kkompilat minflok.

TAQSIMA 3

Livell ta' dettal

Id-data se tiġi pprovduta bid-dettal skond il-pajjiż tal-lok u l-attività ta' l-affiljat barrani speċifikat fl-Annes III. Id-dettal skond il-pajjiż tal-lok u l-attività għandu jkun ikkumbinat kif ġej:

— Livell 1 ta' l-analiżi ġeografika flimkien mal-Livell 2 ta' l-analiżi ta' l-attività.

— Livell 2 -OUT ta' l-analiżi ġeografika flimkien mal-Livell 1 ta' l-analiżi ta' l-attività.

— Livell 3 ta' l-analiżi ġeografika kkumbinata mad-data dwar l-attività totali biss.

TAQSIMA 4

L-ewwel sena ta' referenza u perjodiċità

1. L-ewwel sena ta' referenza li għaliha sejrin jiġu kkompilati l-istatistiċi annwali hija s-sena kalendarja tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri se jipprovdu data għal kull sena kalendarja minn dik is-sena 'il quddiem.

TAQSIMA 5

Trażmissjoni tar-riżultati

Ir-riżultati se jiġu trażmessi fi żmien 20 xahar mit-tmiem tas-sena ta' referenza.

TAQSIMA 6

Rapporti u studji pilota

1. L-Istati Membri se jipprovdu lill-Kummissjoni rapport relatat mad-definizzjoni, l-istruttura u d-disponibilità tad-data statistika li għandha tiġi kkompilata għall-finijiet ta' dan il-modulu komuni.

▼B

2. Għal-livell ta’ dettall kopert minn dan l-Anness, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi studji pilota li għandhom jitwettqu minn awtoritajiet nazzjonali skond it-tifsira ta’ l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 322/97 skond l-Artikolu 5 ta’ dan ir-Regolament.

3. L-istudji pilota għandhom jitwettqu sabiex tkun evalwata r-rilevanza u l-fattibilità li tinkiseb data, filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji tad-disponibilità tad-data meta mqabbla ma’ l-ispiża tal-ġbir u l-piż fuq in-negozju.

4. Studji pilota għandhom jitwettqu għal dawn il-karatteristiċi li ġejjin:

Kodiċi	Titolu
13 31 0	Spejjeż tal-persunal
	Esportazzjoni ta’ merkanzija u servizzi
	Importazzjoni ta’ merkanzija u servizzi
	Esportazzjoni intra-grupp ta’ merkanzija u servizzi
	Importazzjoni intra-grupp ta’ merkanzija u servizzi
12 15 0	Valur miżjud għall-ispiża tal-fatturi
15 11 0	Investiment gross f’merkanzija tanġibbli

▼B

ANNESS III

LIVELLI GĦAL INFORMAZZJONI DDETTALJATA SKOND IL-ĠEOGRAFIJA U SKOND L-ATTIVITÀ

Livelli ta' analiżi ġeografika	Livell 1		Livell 2-OUT (Livell 1 + 24 pajjiż)
V2	Extra-EU 27	V2	Extra-EU 27
		IS	L-Iżlanda
		LI	Il-Liechtenstein
		NO	In-Norveġja
CH	l-Iżvizzera	CH	l-Iżvizzera

▼M2

———————

▼B

RU	Il-Federazzjoni Russa	RU	Il-Federazzjoni Russa
		TR	It-Turkija
		EG	L-Eġittu
		MA	Il-Marokk
		NG	In-Niġerja
		ZA	L-Afrika t'Isfel
CA	Il-Kanada	CA	Il-Kanada
US	L-Istati Uniti ta' l-Amerika	US	L-Istati Uniti
		MX	Il-Messiku
		AR	L-Arġentina
BR	Il-Brażil	BR	Il-Brażil
		CL	Iċ-Ċili
		UY	L-Urugwaj
		VE	Il-Veneżwela
		IL	L-Iżrael
CN	Iċ-Ċina	CN	Iċ-Ċina
HK	Hong Kong	HK	Hong Kong
IN	L-Indja	IN	L-Indja
		ID	L-Indoneżja
JP	Il-Ġappun	JP	Il-Ġappun
		KR	Il-Korea t'Isfel
		MY	Il-Malażja
		PH	Il-Filippini
		SG	Singapor
		TW	It-Tajwan
		TH	It-Tajlandja
		AU	L-Awstralja
		NZ	New Zealand
Z8	Extra EU-27 mhux allokati	Z8	Extra EU-27 mhux allokati
C4	Ċentri Finanzjarji Offshore	C4	Ċentri Finanzjarji Offshore
Z7	Kontroll maqsum indaqs tal-UCIs (*) ta' aktar minn Sat Membru wieħed	Z7	Kontroll maqsum indaqs ta' UCIs (*) ta' aktar minn Membru wieħed

(*) unità istituzzjonali aħħarija li għandha l-kontroll fuq affiljat barrani.

▼B

Livell 2-IN

A1	Total Dinji (l-entitajiet kollha inkluż il-pajjiż tal-kompilazzjoni)
Z9	Il-Bqija tad-Dinja (esklużil-pajjiż tal-kompilazzjoni)
A2	Ikkontrollat mill-pajjiż tal-kompilazzjoni
V1	EU-27 (Intra-EU-27) esklużil-pajjiż tal-kompilazzjon*i*
BE	Il-Belġju
BG	Il-Bulgarija
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DK	Id-Danimarka
DE	Il-Ġermanja
EE	L-Estonja
GR	Il-Greċja
ES	Spanja
FR	Franza

▼M2

HR	Il-Kroazja

▼B

IE	L-Irlanda
IT	L-Italja
CY	Ċipru
LV	Il-Latvja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
HU	L-Ungerija
MT	Malta
NL	L-Olanda
AT	L-Awstrija
PL	Il-Polonja
PT	Il-Portugall
RO	Ir-Rumanija
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
FI	Il-Finlandja
SE	L-Iżvezja
UK	Ir-Renju Unit
Z7	Kontroll maqsum indaqs ta' UCIs (*) ta' aktar minn Stat Membru wieħed
V2	Extra-EU 27
AU	L-Awstralja
CA	Il-Kanada
CH	l-Iżvizzera
CN	Iċ-Ċina
HK	Hong Kong
IL	L-Iżrael
IS	L-Iżlanda
JP	Il-Ġappun
LI	Il-Liechtenstein
NO	In-Norveġja
NZ	New Zealand
RU	Il-Federazzjoni Russa
TR	It-Turkija
US	L-Istati Uniti
C4	Ċentri Finanzjarji *Offshore*
Z8	Extra EU-27 mhux allokati

(*) Unità istituzzjonali aħħarija li għandha l-kontroll fuq affiljat barrani.

▼B

Livell 3

AD	L-Andorra	EE	L-Estonja (*)	KZ	Il-Każakstan	QA	Il-Qatar
AE	L-Emirati Għarab Magħquda	EG	L-Eġittu	LA	Ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Laos	RO	Ir-Rumanija (*)
AF	L-Afganistan	ER	Eritrea	LB	Il-Libanu	RS	Serbia
AG	Antigwa u Barbuda	ES	Spanja (*)	LC	Santa Luċija	RU	Il-Federazzjoni Russa
AI	Anguilla	ET	L-Etijopja	LI	Il-Liechtenstein	RW	Ir-Ruwanda
AL	L-Albanija	FI	Il-Finlandja (*)	LK	Is-Sri Lanka	SA	L-Arabja Sawdita
AM	L-Armenja	FJ	Fiji	LR	Il-Liberja	SB	Solomon Islands
AN	Antilles Olandiżi	FK	Il-Gżejjer tal-Falkland (Malvinas)	LS	Il-Lesoto	SC	Seychelles
AO	L-Angola	FM	Stati Federali tal-Mikroneżja	LT	Il-Lituwanja (*)	SD	Is-Sudan
AQ	L-Antartika	FO	Faroe Islands	LU	Il-Lussemburgu (*)	SE	L-Iżvezja (*)
AR	L-Arġentina	FR	Franza (*)	LV	Il-Latvja (*)	SG	Singapor
AS	Is-Samoa ta' l-Amerika	GA	Gabon	LY	Il-Ġamaħarija Għarbija Libjana	SH	Sant Elena
AT	L-Awstrija (*)	GD	Grenada	MA	Il-Marokk	SI	Is-Slovenja (*)
AU	L-Awstralja	GE	Il-Ġeorġja	MD	Ir-Repubblika tal-Moldova	SK	Is-Slovakkja (*)
AW	Aruba	GG	Guernsey	ME	Montenegro	SL	Is-Sjerra Leone
AZ	L-Ażerbajġan	GH	Il-Gana	MG	Il-Madagaskar	SM	San Marino
BA	Il-Bożnja u l-Erzegovina	GI	Ġibiltà	MH	Gżejjer Marshall	SN	Is-Senegal
BB	Il-Barbados	GL	Greenland	MK (1)	dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	SO	Is-Somalia
BD	Bangladexx	GM	Il-Gambja	ML	Mali	SR	Is-Suriname
BE	Il-Belġju (*)	GN	Il-Gwinea	MM	Myanmar	ST	Sao Tome u Principe
BF	Burkina Faso	GQ	Il-Gwinea Ekwatorjali	MN	Il-Mongolja	SV	El Salvador
BG	Il-Bulgarija (*)	GR	Il-Greċja (*)	MO	Il-Makaw	SY	Ir-Repubblika Għarbija Sirjana
BH	Il-Baħrain	GS	Il-Gżejjer ta' Ġorġja ta' Nofs-in-Nhar u ta' Sandwich ta' Nofs-in-Nhar	MP	Il-gżejjer Mariana tat-Tramuntana	SZ	Swaziland
BI	Il-Burundi	GT	Il-Gwatemala	MR	Il-Mawritanja	TC	Il-Gżejjer Turks u Caicos
BJ	Benin	GU	Guam	MS	Montserrat	TD	Chad
BM	Bermuda	GW	Guinea-Bissau	MT	Malta (*)	TF	Territorji Franċiżi ta' nofsinhar
BN	Il-Brunei Darussalam	GY	Il-Gujana	MU	Il-Mawrixus	TG	Togo
BO	Il-Bolivja	HK	Hong Kong	MV	Il-Maldivi	TH	It-Tajlandja
BR	Il-Brażil	HM	Heard Island u McDonald Islands	MW	Il-Malawi	TJ	It-Taġikistan
BS	Il-Baħamas	HN	Il-Ħonduras	MX	Il-Messiku	TK	Tokelau
BT	Il-Bhutan	HR	Il-Kroazja ►M2 (*) ◄	MY	Il-Malażja	TM	It-Turkmenistan
BV	Il-gżira Bouvet	HT	Ħajiti	MZ	Il-Możambik	TN	It-Tuneżija
BW	Il-Botswana	HU	L-Ungerija (*)	NA	In-Namibia	TO	Tonga
BY	Il-Belarussja	ID	L-Indoneżja	NC	New Caledonia	TP	Timor tal-Lvant
BZ	Il-Beliże	IE	L-Irlanda (*)	NE	In-Niġer	TR	It-Turkija

(1) Kodiċi provviżorju li ma jaffetwax id-denominazzjoni definittiva tal-pajjiż li għandu jingħata wara l-konklużjoni tan-negozjati għaddejjin bħalissa fin-Nazzjonijiet Uniti.

▼B

CA	Il-Kanada	IL	L-Iżrael	NF	Norfolk Island	TT	Trinidad u Tobago
CC	Il-gżejjer Cocos (Keeling)	IM	Isle of Man	NG	In-Niġerja	TV	Tuvalu
CD	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	IN	L-Indja	NI	In-Nikaragwa	TW	It-Tajwan, Provinċja taċ-Ċina
CF	Ir-Repubblika Ċentrali Afrikana	IO	It-Territorju Britanniku ta' l-Oċean Indjan	NL	L-Olanda (*)	TZ	Ir-Repubblika Unita tat-Tanzanija
CG	Il-Kongo	IQ	L-Iraq	NO	In-Norveġja	UA	L-Ukrajna
CH	l-Iżvizzera	IR	Ir-Repubblika Islamika ta' l-Iran	NP	In-Nepal	UG	L-Uganda
CI	Il-Kosta ta' l-Avorju	IS	L-Iżlanda	NR	Nauru	UK	Ir-Renju Unit (*)
CK	*Il-gżejjer* Cook	IT	L-Italja (*)	NU	Niue	UM	Gżejjer minuri mbiegħda mill-Istati Uniti
CL	Iċ-Ċili	JE	Jersey	NZ	New Zealand	US	L-Istati Uniti
CM	Il-Kamerun	JM	Il-Ġamajka	OM	L-Oman	UY	L-Urugwaj
CN	Iċ-Ċina	JO	Il-Ġordan	PA	Il-Panama	UZ	L-Użbekistan
CO	Il-Kolombja	JP	Il-Ġappun	PE	Il-Peru	VA	Is-Santa Sede (Il-Belt tal-Vatikan)
CR	Il-Kosta Rika	KE	Il-Kenja	PF	Il-Polineżja Franċiża,	VC	St Vincent u l-Grenadines
CU	Kuba	KG	Il-Kyrgyzstan	PG	Il-Papua New Guinea	VE	Il-Veneżwela
CV	Cape Verde	KH	Il-Kambodja (Kampuċja)	PH	Il-Filippini	VG	Il-Virgin Islands tal-Gran Brettanja
CX	Christmas Island	KI	Kiribati	PK	Il-Pakistan	VI	Il-Virgin Islands ta' l-Istati Uniti
CY	Ċipru (*)	KM	Comoros	PL	Il-Polonja (*)	VN	Il-Vjetnam
CZ	Ir-Repubblika Ċeka (*)	KN	San Kitts u Nevis	PN	Pitcairn	VU	Vanuatu
DE	Il-Ġermanja (*)	KP	Il-Korea, Ir-Repubblika popolari Demokratika tal-Korea (Ta' Fuq)	PS	It-Territoju Okkupat Palestinjan	WF	Wallis u Futuna
DJ	Djibouti	KR	Il-Korea, Ir-Repubblika tal-Korea (t'Isfel)	PT	Il-Portugall (*)	WS	Is-Samoa
DK	Id-Danimarka (*)	KW	Il-Kuwajt	PW	Palau	YE	Il-Jemen
DM	Dominika	KY	Il-Gżejjer Cayman	PY	Il-Paragwaj		
DO	Ir-Repubblika Domenikana					ZA	L-Afrika t'Isfel
DZ	L-Alġerija					ZM	Iż-Żambja
EC	L-Ekwador	Z8	Extra EU-27 mhux allokati			ZW	Iż-Żimbabwe
A2	Ikkontrollat mill-pajjiż tal-kompilazzjoni	Z7	Kontroll maqsum indaqs ta' UCIs (**) ta' aktar minn Stat Membru wieħed				

(*) Għall-*Inward* biss.
(**) Unità istituzzjonali aħħarija li għandha l-kontroll fuq affiljat barrani.

▼M1

Il-livelli 1 u 2 ta' l-analiżi ta' l-attività għall-istatistiċi ta' l-affiljati barranin residenti barra ’l pajjiż

Livell 1	Livell 2	Rev. 2 tan-NACE
ATTIVITÀ TOTALI	ATTIVITÀ TOTALI	taqsima B sa S (eskluża l-O)
MINJIERI U BARRIERI	MINJIERI U BARRIERI	taqsima B
	L-estrazzjoni ta' żejt mhux raffinat, gass naturali u attivitajiet ta' servizzi ta' sapport marbuta mal-minjieri	div 06, 09
MANIFATTURA	MANIFATTURA	taqsima C
	Prodotti ta' l-ikel, xorb u tabakk	div 10, 11, 12
	TOTAL ta' attivitajiet ta' tessuti u ta' injam	div 13, 14, 16, 17, 18
	Tessuti u oġġetti li jintlibsu	div 13, 14
	Injam, karta, stampar u riproduzzjoni	div 16, 17, 18
Żejt mhux raffinat, kimiċi, prodotti farmaċewtiċi, prodotti tal-gomma u tal-plastik	TOTAL ta' żejt mhux raffinat, kimiċi, prodotti farmaċewtiċi, prodotti tal-gomma u tal-plastik	div 19, 20, 21, 22
	Prodotti mill-kokk u miż-żejt raffinat	div 19
	Kimiċi u prodotti kimiċi	div 20
	Prodotti mill-gomma u mill-plastik	div 22
	TOTAL ta' prodotti tal-metall u tal-makkinarju	div 24, 25, 26, 28
	Metalli bażiċi u prodotti ta' metall iffabbrikat	div 24, 25
Prodotti tal-kompjuter, dawk elettroniċi u ottiċi	Prodotti tal-kompjuter, dawk elettroniċi u ottiċi	div 26
	Makkinarju u tagħmir n.e.c.	div 28
Vetturi, tagħmir ta' trasport ieħor	TOTAL ta' vetturi & tagħmir ta' trasport ieħor	div 29, 30
	Vetturi bil-mutur, trejlers jew semi-trejlers	div 29
	Tagħmir ta' trasport ieħor	div 30
	TOTAL ta' manifattura oħra	div 15, 23, 27, 31, 32, 33
PROVVISTA TA' ELETTRIKU, GASS, FWAR U ARJA KKUNDIZZJONATA	PROVVISTA TA' ELETTRIKU, GASS, STIM U ARJA KKUNDIZZJONATA	taqsima D
PROVVISTA TA' L-ILMA; SISTEMA TA' DRENAĠĠI, IMMANIĠĠAR TA' L-ISKART U ATTIVITAJIET TA' RIMEDJAZZJONI	PROVVISTA TA' L-ILMA; SISTEMA TA' DRENAĠĠI, IMMANIĠĠAR TA' L-ISKART U ATTIVITAJIET TA' RIMEDJAZZJONI	taqsima E
	Il-ġbir, it-trattament u l-provvista ta' l-ilma	div 36
	Sistema ta' drenaġġi, immaniġġar ta' l-iskart u attivitajiet ta' rimedjazzjoni	div 37, 38, 39

▼M1

Livell 1	Livell 2	Rev. 2 tan-NACE
KOSTRUZZJONI	KOSTRUZZJONI	taqsima F
TOTAL TA' SERVIZZI	TOTAL TA' SERVIZZI	taqsima G, H, I, J, K, L, M, N, P, Q, R, S
KUMMERĊ BL-INGROSSA U BL-IMNUT TISWIJA TA' VETTURI BIL-MUTUR U TA' MUTURI	KUMMERĊ BL-INGROSSA U BL-IMNUT; TISWIJA TA' VETTURI BIL-MUTUR U TA' MUTURI	taqsima G
	Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut u tiswija ta' vetturi bil-mutur u ta' muturi	div 45
	Kummerċ bl-ingrossa, ħlief għall-vetturi bil-mutur u muturi	div 46
	Kummerċ bl-imnut, ħlief għall-vetturi bil-mutur u muturi	div 47
TRASPORTAZZJONI U ĦŻIN TAL-MERKANZIJA	TRASPORTAZZJONI U ĦŻIN TAL-MERKANZIJA	taqsima H
	TOTAL ta' trasport u ħżin tal-merkanzija	div 49, 50, 51, 52
	Trasport minn fuq l-art u trasport minn ġol-katusi	div 49
	Trasport fuq l-ilma	div 50
	Trasport bl-ajru	div 51
	Il-ħżin tal-merkanzija u attivatijiet ta' sapport għat-trasportazzjoni	div 52
	Attivitajiet ta' posta u dawk ta' kurjer	div 53
AKKOMODAZZJONI U ATTIVITAJIET TA' SERVIZZ TA' IKEL	AKKOMODAZZJONI U ATTIVITAJIET TA' SERVIZZ TA' IKEL	taqsima I
INFORMAZZJONI U KOMUNIKAZZJONI	INFORMAZZJONI U KOMUNIKAZZJONI	taqsima J
	Attivitajiet ċinematografiċi, ta' vidjo, produzzjoni ta' programmi għat-televixin u attivitajiet ta' divertiment oħrajn	div 59, 60
	Telekomunikazzjoni	div 61
	Attivitajiet oħra ta' informazzjoni u komunikazzjoni	div 58, 62, 63
ATTIVITAJIET FINANZJARJI U TA' L-ASSIGURAZZJONI	ATTIVITAJIET FINANZJARJI U TA' L-ASSIGURAZZJONI	taqsima K
	Intermedjazzjoni finanzjarja, ħlief il-fondi ġejjin mill-assigurazzjoni jew mill-pensjoni	div 64
	— Attivitajiet ta' kumpaniji possedenti	grupp 64.2
	Assigurazzjoni, fondi ġejjin minn assigurazzjoni fuq oħra u minn pensjoni, ħlief għas-sigurtà soċjali obbligatorja	div 65
	Attivitajiet finanzjarji oħra	div 66
	ATTIVITAJIET TA' PROPJETÀ TA' BENI IMMOBBLI	taqsima L

▼M1

Livell 1	Livell 2	Rev. 2 tan-NACE
ATTIVITAJIET PROFESSJONALI, XJENTIFIĊI U TEKNIĊI	ATTIVITAJIET PROFESSJONALI, XJENTIFIĊI U TEKNIĊI	taqsima M
	Attivitajiet legali u dawk marbuta mal-kontabilità	div 69
	— Attivitajiet legali	grupp 69.1
	— Attivitajiet marbuta mal-kontabilità, maż-żamma tal-kotba u mal-verifika; konsulenza dwar it-taxxa	grupp 69.2
	Attivitajiet tal-kwartieri ġenerali; attivitajiet ta' konsulenza maniġerjali	div 70
	— Attivitajiet tal-kwartieri ġenerali;	grupp 70.1
	— Attivitajiet ta' konsulenza maniġerjali	grupp 70.2
	Attivitajiet ta' arkitettura u ta' inġinerija ittestjar u analiżi tekniċi	div 71
Riċerka xjentifika u żvilupp	Riċerka xjentifika u żvilupp	div 72
	Reklamar u analiżi tas-suq	div 73
	— Reklamar	grupp 73.1
	— Analiżi tas-suq u stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika	grupp 73.2
	Attivitajiet oħra professjonali, kemm xjentifiċi kif ukoll tekniċi, u attivitajiet veterinarji	div 74, 75
	ATTIVITAJIET AMMINISTRATTIVI U DAWK MARBUTA MA' SERVIZZI TA' SAPPORT	taqsima N
	Attivitajiet ta' kiri u ta' kiri fit-tul	div 77
	Attivitajiet amministrattivi oħra u dawk marbuta ma' servizzi ta' sapport	div 78, 79, 80, 81, 82
	EDUKAZZJONI	taqsima P
	ATTIVITAJIET TA' SAĦĦA UMANA U TA' ĦIDMA SOĊJALI	taqsima Q
ARTI, DIVERTIMENT U RIKREAZZJONI	ARTI, DIVERTIMENT U RIKREAZZJONI	taqsima R
	Attivitajiet kreattivi, marbuta ma' l-arti u mad-divertiment	div 90
	Libreriji, arkivji, mużewijiet u attivitajiet kulturali oħra	div 91
	Attivitajiet ta' sport u oħrajn marbuta ma' rikreazzjoni; attivitajiet tal-logħob tal-flus u l-imħatri	div 92, 93
	ATTIVITAJIET TA' SERVIZZI OĦRA	taqsima S
	Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet ta' sħubija	div 94
	Tiswija ta' kompjuters u ta' oġġetti personali u tad-dar, attivitajiet oħra ta' servizz personali	div 95, 96
	Mhux allokati	

▼M1

Analiżi ta' l-attività tal-livell 3 għall-affiljati barranin residenti fil-pajjiż

Livell 3 (Rev. 2 tan-NACE)	
Intestatura	Il-livell ta' dettall mitlub
Ekonomija tan-negozju	Taqsimiet B sa N, ħlief il-K
MINJIERI U BARRIERI	Taqsima B
MANIFATTURA	Taqsima C
	Id-diviżjonijiet kollha minn 10 sa 33
PROVVISTA TA' ELETTRIKU, GASS, STIM U ARJA KKUNDIZZJONATA	Taqsima D
	Diviżjoni 35
PROVVISTA TA' L-ILMA, SISTEMA TA' DRENAĠĠI, IMMANIĠĠAR TA' L-ISKART U ATTIVITAJIET TA' RIMEDJAZZJONI	Taqsima E
	Id-diviżjonijiet kollha minn 36 sa 39
KOSTRUZZJONI	Taqsima F
	Id-diviżjonijiet kollha minn 41 sa 43
	Il-gruppi 41.1 u 41.2, 42.1 sa 42.9, 43.1 sa 43.9
NEGOZJU BL-INGROSSA U BL-IMNUT; TISWIJA TA' VETTURI BIL-MUTUR U MUTURI	Taqsima G
	Id-diviżjonijiet kollha minn 45 sa 47
	Il-gruppi 45.1 u 45.2, 46.1 sa 46.9, 47.1 sa 47.9
TRASPORTAZZJONI U ĦŻIN TAL-MERKANZIJA	Taqsima H
	Id-diviżjonijiet kollha minn 49 sa 53
	Gruppi 49.1 sa 49.5
ATTIVITAJIET TA' AKKOMODAZZJONI U TA' SERVIZZI TA' L-IKEL	Taqsima I
	Id-diviżjonijiet kollha minn 55 sa 56
	Il-gruppi 55.1 sa 55.9, 56.1 sa 56.3
INFORMAZZJONI U KOMUNIKAZZJONI	Taqsima J
	Id-diviżjonijiet kollha minn 58 sa 63
	Gruppi 58.1, 58.2, 63.1, 63.9
ATTIVITAJIET FINANZJARJI U TA' L-ASSIGURAZZJONI	Taqsima K
	Id-diviżjonijiet kollha minn 64 sa 66
ATTIVITAJIET TA' PROPRJETÀ TA' BENI IMMOBBLI	Taqsima L
	Diviżjoni 68
ATTIVITAJIET PROFESSJONALI, XJENTIFIĊI U TEKNIĊI	Taqsima M
	Id-diviżjonijiet kollha minn 69 sa 75
ATTIVITAJIET AMMINISTRATTIVI U TA' SERVIZZI TA' SAPPORT	Taqsima N
	Id-diviżjonijiet kollha minn 77 sa 82
	Gruppi 77.1 sa 77.4